MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 145/2002/1

**Elmo Insurance Agency Limited,
In rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel Muscat u l-istess Emanuel Muscat**

**vs**

**Neville Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Frar, 2002, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf, tmien mija u tmienja u tletin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1,838.49) [Lm1,738.49 lis-socjeta' attrici Elmo Insaurance Agency Limited noe u Lm100 lill-attur Emanuel Muscat] in linea ta' danni kkagunati mill-konvenut u minnhom sborsati in segwitu ghall-incident

awtomobilistiku li gara l-Mosta fit-22 ta' Lulju, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura Nru. AAE 661 habat mal-vettura Nru. LAD 341 proprjeta' ta' l-attur Emanuel Muscat u misjuqa minn Adrian Muscat - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru, 2001, u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mit-22 ta' Ottubru, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort Adrian Muscat, is-sewwieq tal-vettura numru LAD 341, li fil-hin ta' l-incident kien qed isuq b'mod sperikolat, traskurat u kontra r-regolamenti tat-traffiku.
2. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fit-22 ta' Lulju, 2001, ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu fi Triq Il-Kostituzzjoni, l-Mosta, bejn il-vettura LAD 341 misjuqa minn Adrian Muscat u l-karozza AAE 661 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara vicin l-inkrocju ta' Triq Il-Kostituzzjoni ma' Triq Il-Wied, fejn hemm il-*parking bays* ghall-vetturi.

Adrian Muscat xehed illi huwa kien qieghed isuq fi Triq Il-Kostituzzjoni fid-direzzjoni ta' San Guzepp tat-Targa, b'xi

sittin jew sebghin kilometru fis-siegha.  F’daqqa wahda, minn fuq ix-xellug tieghu tohrog karozza mill-*parking bays*, kienet diga angolata lejn il-lemin meta raha l-ewwel darba. Ghalhekk, ghafas il-brejk imma kien vicin wisq sabiex jevita l-impatt u baqa’ diehel fiha.  Wara l-impatt tkaxkar ghal xi distanza biex il-karozza tieghu spiccat thares lejn Triq Il-Wied.  Il-vettura garrbet hsarat konsiderevoli.

Min-naha l-ohra, l-konvenut qal illi huwa kien qieghed isuq fl-istess direzzjoni meta rcieva telefonata fuq il-*mobile phone* u ghalhekk resaq goll- *parking bays* sabiex jirrispondi din it-telefonata.  Tefgha l-makna u gholla l-*hand brake*.  Hekk kif spiccat din it-telefonata, xi minuta wara, jisma brejk qawwi gej min-naha ta’ wara.  Hares minn gol mera tal-lemin u jara karozza hadra gejja fid-direzzjoni tieghu.  Dina laqtitu fuq quddiem, in-naha tal-lemin, u dawwret il-karozza lejn ix-xellug.

Il-konvenut jikkonferma l-iskecc esebit a Fol. 42, pero’ rrimarka illi l-karozza tieghu kienet aktar angolata lejn ix-xellug milli tidher fl-iskecc.  Il-karozza tieghu wkoll sofriet hsarat konsiderevoli.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi l-aktar dokument importanti f’din il-kawza huwa l-iskecc esebit mis-Surgent li nvestiga l-kaz. Hadd mill-partijiet m’allega xi rregolarita fuq dan l-iskecc, anzi kkonfermawh.  L-iskecc jaghti affidament lill-verzjoni moghtija minn Adrian Muscat u mhux lill-verzjoni moghtija mill-konvenut.  Il-hsarat subiti fil-vettura ta’ dan ta’ l-ahhar ukoll jaghtu konfort ghax-xhieda moghtija minn Muscat.

Minn ezami akkurat ta’ l-iskecc esebit a Fol. 42, jirrizulta illi l-vettura ta’ Muscat, minkejja illi halliet *brake marks* ta’ tletin metru, illi bejn wiehed u iehor isarrfu velocita’ ta’ xi circa sebghin kilometru fis-siegha, juri illi Muscat kien ha direzzjoni lejn il-lemin ‘l-barra mill-karozza misjuqa mill-konvenut.  Quindi, l-Qorti ssibha ferm difficli biex temmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut meta dana jghid illi huwa kien ipparkjat, parallela mall-bankina, meta qala’ d-daqqa.

Il-*brake marks* ukoll juru illi Muscat kien ghaddej fuq ix-xellug tat-triq meta gie nfaccat b'emergenza fil-hin li l-karozza misjuqa mill-konvenut harget mill-*parking bay* lejn il-lemin. Il-*brake marks* mhumiex kontinwi, tant hu hekk illi hemm daqsxejn ta' lilwa jew qarsa, proprju fil-punt fejn saret il-habta. Dawn il-*brake marks* jibdew minn metru l-boghod mill-bankina sa' metru u nofs fil-mument ta' l-impatt, li juri li l-vettura ta' Muscat kienet qed tinstaq fid-direzzjoni l-boghod fid-direzzjoni tal-vettura tal-konvenut u mhux vici versa.

Ghalhekk, skond dawn il-*brake marks*, il-verzjoni moghtija mill-konvenut hija ghal kollox inverosimili u ma tistax titwemmen. L-istess konvenut jaghti affidament ghall-iskecc esebit, meta huwa jikkonferma l-*brake marks* u d-direzzjoni taghhom. Dana mhuwiex ta' konfort ghat-tezi tieghu.

Barra minn hekk, il-hsarat subiti fil-vettura minnu misjuqa juru bic-car illi dina kienet angolata fil-mument ta' l-impatt, peress illi l-hsarat qeghdin ikkoncentrati fuq il-mudguard tal-lemin ta' quddiem, liema hsarat jindikaw bic-car illi l-karozza kienet angolata lejn il-lemin fil-mument ta' l-impatt.

Ghal dawk illi huma d-danni, l-atturi esebew d-dokumenti kollha necessarji li jinkludu l-fatturi, rcevuti u *surveys* sabiex jiggustifikaw il-pretenzjoni taghhom.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara fil-Mosta fit-22 ta' Lulju, 2001, bejn il-karozza bin-numru AAE 661 misjuqa minnu u l-karozza bin-numru LAD 341 misjuqa minn Adrian Muscat u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf, tmien mija u tmienja u tletin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1,838.49) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------